EUROPA TOURS

7 t’ijiem

The Romantic City of Vienna

With a Touch of Slovakia

Vjaġġ mill-isbaħ lejn Vienna, il-belt tal-mużika u l-palazzi imperjali. Inżuru wkoll il-Vienna Woods, il-belt storika ta’ Graz, il-Wachau Valley bil-villaġġi pittoreski tagħha u Bratislava, il-belt kapitali tas-Slovakkja.

Grupp A: 08–14 ta’ Marzu • Grupp B: 17–23 ta’ Mejju



Vienna • Schönbrunn Palace

L-Ewwel Jum – Vienna

Niltaqgħu l-ajruport ta’ Malta fis-07.00 sabiex nagħmlu check-in għall-flight KM514 li ttir fid-09.25 u naslu Vienna fil-11.45. Wara li niġbru l-bagalji, nitilqu bil-kowċ lejn iċ-ċentru ta’ din il-belt sabiħa tal-valzi, fejn ikollna ħin liberu biex nibdew ingawdu l-atmosfera tagħha. Nitilqu lejn il-Hotel Ananas 4 star, fejn issir is-sistemazzjoni tal-kmamar. Għal dawk li ħallsu l-Half Board, l-ikla tkun filgħaxija.

It-Tieni Jum – Vienna Woods, Mayerling, Heiligenkreuz u Seegrotte

Breakfast, nitilqu għal eskursjoni mill-iżjed interessanti fil-Vienna Woods. Ngħaddu mill-wied ta’ Helenental u mmorru Mayerling, fejn naraw il-hunting lodge, illum kappella, tal-Prinċep Rudolf, l-uniku iben tal-Imperatur Franz Joseph. Kien hawn li l-prinċep u l-Barunessa Mary Vetsera nstabu mejta fl-1889. Nkomplu lejn Heiligenkreuz, fejn naraw monasteru Ċisterjan tas-seklu tnax. Wara naslu s-Seegrotte, li qabel kienet minjiera tal-ġibs u llum hija magħrufa għall-lag taħt l-art tagħha. Min jixtieq jista’ jagħmel boat trip fuq il-lag (entraturi u boat extra). Wara nirritornaw lejn il-hotel.

It-Tielet Jum – Vienna City Tour u Prater

City tour ta’ nofs ta’ nhar biex niskopru l-ġmiel ta’ Vienna u l-postijiet storiċi tagħha, fosthom Belvedere Palace, Rathaus, il-Parlament, il-bini maestuż tar-Ringstraße, Hofburg Palace u St. Stephen’s Cathedral. Wara nofsinhar ikollna ħin liberu biex inkomplu ngawdu din il-belt sabiħa. Min jixtieq jista’ jżur il-Hofburg Palace jew jagħmel xi ftit shopping fit-toroq magħrufa Mariahilfer Straße u Kärntner Straße. Fis-19.00 nitilqu lejn il-famuż Prater, fejn min jixtieq jista’ jitla’ fuq il-Giant Ferris Wheel (ħlas extra) u jgawdi veduta ta’ Vienna mixgħula. Ritorn lejn il-hotel fl-22.00.

Ir-Raba’ Jum – Graz

Breakfast u eskursjoni ta’ ġurnata lejn Graz, it-tieni l-akbar belt tal-Awstrija. Niskopru ċ-ċentru storiku tagħha, bit-toroq sbieħ, il-pjazez u l-bini storiku. Ikollna wkoll ħin biex ingawdu l-atmosfera ta’ din il-belt qabel nirritornaw lejn Vienna.

Il-Ħames Jum – Schönbrunn

Wara l-breakfast, ikollna ġurnata libera biex ingawdu Vienna. Min jixtieq flimkien mat-tour leader jista' jżur il-maestuż Schönbrunn Palace u l-ġonna tiegħu. Dan il-palazz kien ir-residenza tas-sajf tal-familja imperjali Habsburg (transport u entratura extra).

Is-Sitt Jum – Wachau Valley, Melk, Dürnstein u Krems

Eskursjoni ta' ġurnata lejn il-Wachau Valley, reġjun sabiħ tul ix-xmara Danubju, magħruf għall-villaġġi storiċi, il-kastelli u x-xenarju pittoresk tiegħu. Inżuru Melk, bil-famuż monasteru Benedittin mibni fl-istil Barokk (dħul extra); Dürnstein, bid-djar u t-toroq antiki tiegħu; u Krems, belt storika b'aktar minn elf sena ta' storja. Wara nirritornaw lejn il-hotel.

Is-Seba' Jum – Bratislava

Nitilqu lejn Bratislava, il-belt kapitali tas-Slovakkja. Flimkien niskopru din il-belt fuq ix-xmara Danubju, bil-kastell li jiddominaha u ċ-ċentru storiku tagħha. Fost il-postijiet magħrufa nsibu Main Square, Michael's Gate, St. Martin's Cathedral u Primate's Palace. Ikollna wkoll ħin liberu biex ingawdu l-belt. Nkomplu lejn l-ajruport ta' Vienna għat-titjira KM515, li titlaq fl-20.40 lejn Malta u naslu fit-22.55.



Bratislava • Is-Slovakkja

Prezz kull persuna

Prezz Skontat

Eskursjonijiet u Taxxi Inklużi

Kamra ta' tliet persuni	**€930**
Kamra ta' żewġ persuni	**€930**
Kamra ta' persuna waħda	**€1180**
Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti	**€800**
Suppliment Grupp B	**€100**
Suppliment Half Board (5 ikliet)	**€175**

Prezz jinkludi

Titjira mal-KM Malta Airlines għal Vienna
20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
6 iljieli – Hotel Ananas Vienna 4 star fiċ-ċentru
Breakfast Buffet kontinentali
Taxxi tal-ajruport • Tour Leader • Insolvency Protection

Prezz ma jinkludiex

City Tax • Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains eċċ.

Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.

Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.